ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Ro

StudentBounty.com

## IT-TIELET SENA IL-MALTI IL-ĦIN: SAGĦTEJN

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ____________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***



Sirt naf lil Frans fl-1984 u kienet xorti kbira għalija li ltqajt u sirt ħabib ta' dan l-iskular profond. Bniedem ta' kultura kbira u intellett ġgantesk, lingwist gwapp u filosofu tal-ħajja tal-bnedmin. Minkejja dan kollu, sieħbi Frans kien jistmerr it-tikketta ta' intellettwali li hu kien iqis, u bir-raġun, nies intellettwalment suppervi.  Huma jitkellmu u jiktbu biss biex jikkomunikaw ma' nies li huma jqisu tal-livell tagħhom. Bil-kuntrarju Frans Sammut kellu l-ħila rari li l-għerf u l-kultura tiegħu jgawdu minnhom kemm il-pubbliku inġenerali kif ukoll l-istudjużi. F'kelma waħda, kien wieħed mill-ftit Maltin li tista' ssejjaħlu "savant". Din il-kelma unikament Franċiża toqgħod għal dawk in-nies ta' kultura ħolistika li jafu jitkellmu u jikkomunikaw mal-pubbliku. *(par. 1)*

Għażiltlu titlu Franċiż għax Frans tagħna kien francofil mill-aqwa. Mhux biss xorob sal-qiegħ il-kultura u l-lingwa ta' dak il-pajjiż, iżda ddedika ħajtu biex ixerred dawn fostna l-Maltin u l-Għawdxin. Kien l-Illuminiżmu Franċiż post 1789 li ispirah biex jofroq il-mewġ ta' ibħra ġodda fil-letteratura Maltija meta rregalalna rumanzi bħal "Samuraj", "Il-Gaġġa" u "Paceville". Frans kien l-ewwel awtur Malti li ħareġ ir-rumanz tagħna mill-makrokożmu tad-dinja ta' madwarna għall-mikrokożmu tad-dinja interna ta' kull wieħed minna. *(par. 2)*

Il-mibki Frans tagħna kompla jesplora artijiet ġodda fil-letteratura b'rumanzi storiċi bi spirtu ta' liberaliżmu u patrijottiżmu, bħal "Il-Ħolma Maltija". Bil-kapolavuri letterarji tiegħu ħa postu bħala l-aħħar wieħed mit-tripied Żebbuġi, werriet u sieħeb dehen ta' Vassalli u Dun Karm. *(par. 3)*

Iżda llum, l-iżjed li nixtieq niftakar lil Frans Sammut bħala bniedem. Karattru ferrieħi, kunfidenti fih innifsu, ċajtier u jaf imur ma' kulħadd.  Ir-rabja tiegħu kienet verament Mediterranea, tisplodi malajr u malajr tintemm fi tbissima. La kien jaf jobgħod u lanqas ipattiha. *(par. 4)*

(*kitba ta' Joseph Fava*)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Agħti isem lil din is-silta.

   ______________________________ (marka)

2. L-awtur meta qal li sar jaf lil Frans Sammut?

   Hu sar jaf lil Frans Sammut______________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Għaliex, skont l-awtur, Sammut kien jistmerr it-tikketta ta' intellettwali?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

4. Liema kelma Fanċiża juża l-awtur biex jiddeskrivi lill-ħabib tiegħu u xi jrid ifisser biha?

Il-kelma hi: ____________________. Din tfisser: ______________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

5. Semmi wieħed mir-rumanzi li kiteb dan il-kittieb kbir Malti.

Ir-rumanz hu: ______________________________________________ (marka)

6. Xi jrid ifisser l-awtur bil-frażi ***tripied Żebbuġi*** *(par. 3)*?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

7. Agħmel sing taħt il-kelma li taqbel mal-karattru ta' Sammut.
L-awtur jiddeskrivi lil Frans Sammut bħala bniedem:
(a) imdejjaq; (b) supperv; (ċ) ferrieħi; (d) għażżien; (e) kattiv. (marka)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (20 marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Imla l-vojt bil-**partiċelli** t-tajba mil-lista mogħtija taħt. (*L-ewwel waħda lesta għalik.*)

Frans Sammut kien wieħed ***mill-***aqwa kittieba _____ rumanzi _____ Malti. _____ ħajtu hu tana rumanzi _____ *Samuraj*, *Il-Gaġġa* u *Paceville*. Nistgħu ngħidu li _____ Sammut, ilsien pajjiżna kien kollox. (5 marki)

| |
|---|
| *bil-, għal, tar-,* ***mill-,*** *F', bħal* |

2. Imla l-vojt bil-**partiċipju passiv** skont il-kelma fil-parentesi. (*Ara l-eżempju.*)
Il-ħbieb kienu **miġbura** (ġabar) flimkien fil-kamra. Ħin bla waqt instema' ħoss qawwi ______________ (kawża) minn splużjoni. Ftit wara, Tonia u Ino nstabu ______________ (xeħet) mal-art, ______________ (tilef) minn sensihom. (3 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. F'din is-sentenza imla l-vojt billi tikteb in-numri fi kliem.

It-______________________ (3) iħbieb xtraw______________________ (24) ktieb tal-M

(2 marki)

4. Imla l-vojt bil-**parteċipju attiv** skont il-kelma fil-parentesi. (*Ara l-eżempju*)

(a) Kien ***nieżel*** (niżel) it-taraġ meta żelaq.

(b) Waqt li kienet ________________ (daħal) d-dar, semgħet karozza tieqaf.

(ċ) Kienu ________________ (raqad) id-dar meta ċempiltilhom. (2 marki)

5. Ikteb il-forma tal-verb skont in-numru fil-parentesi. (*Ara l-eżempju*)

(a) Minn kiser noħorġu **kisser** (Forma 2)

(b) Minn farrak noħorġu ______________________ (Forma 5)

(ċ) Minn qabeż noħorġu ______________________ (Forma 7) (2 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Il-kelma ***lingwist*** (*par. 1*) tfisser bniedem li:

(a) jżur ħafna pajjiżi ___;

(b) jistudja l-lingwi ___ ;

(ċ) bniedem li jitkellem b'ħafna lingwi ___. (marka)

7. Mit-tielet paragrafu sib il-kelma li tfisser: ***imħabba lejn art twelidek .***

Il-kelma hi: ___________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

8. Il-verb ***xorob*** *(par.2)* qiegħed jirreferi:

(a) għall-awtur___ ; (b) għal Sammut ___; (ċ) għat-titlu Franċiż _____. (marka)

9. Il-kelma ***pubbliku*** *(par.1)* hi ta' nisel: a) Semitiku __, b) Rumanz __ jew ċ) Ingliż__. (marka)

**SINTASSI**

10. Aqra din is-sentenza u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

***L-ittra fil-gazzetta ma nkitbitx mis-Sur Farrugia.***

a. Din is-sentenza hi waħda (a) interrogattiva, (b) esklamattiva jew (ċ) negattiva?

Is-sentenza hi ____________________________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

b. Issa ikteb din is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel xejn mit-tifsir.

Is-Sur_______________________________________________________________ (m

StudentBounty.com

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

1. Kompli dan il-qawl. (2 marki)

Meta miet żewġha, Mena ma kinetx taf x'se taqbad tagħmel. Imma billi kienet mara ta' fidi kbira, bejnha u bejn ruħha qalet: "Nieħu kollox_________________________________________."

2. Ikteb sentenza b'**<u>waħda</u>** minn dawn iż-żewġ idjomi. (Fis-sentenza trid turi t-tifsira tal-idjoma.)
(a) ***bħal kelb mismut*** jew (b) ***daqqa t'id***

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________( 2 marki)

| **D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** | (8 marki) |
|---|---|

Agħżel **waħda** minn (**a**) u (**b**) u ikteb madwar **60 kelma** dwarha.

(a) Xi ħadd minn tal-familja għalaq sninu u kellu festin tal-okkażjoni. Ikteb dwar il-festin.

JEW

(b) Għadek kemm qrajt ktieb sabiħ bil-Malti. Fi ftit kliem għid dwar xiex jittratta.

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** (8 marki)

Fil-proġett **Idea ta' Lingwa** int studjajt dwar l-Ilsien Malti u ilsna oħra. Agħżel **waħda** minn dawn it-temi li ġejjin u li huma marbutin mal-proġett u ikteb dak li sirt taf dwarha f'**60 kelma**.
*(a) L-importanza tal-Ingliż f'Malta llum; (b) L-elementi tal-ilsien Malti;* jew *(ċ) Il-lingwi tal-pajjiżi Mediterranji.*

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

**F. LETTERATURA** (30 marka)

**(i) Nadriet 3**

1. Fil-bidu tal-poeżija **Waħdi,** Dun Karm fejn jgħid li kien jinsab?

_______________________________________________________________ (marka)

2. F'**Arizona**, Achille Mizzi qiegħed iqabbel lilu nnifsu ma':

(a) l-Oċean Indjan ____; (b) deżert għatxan____; (ċ) patri Franġiskan____; (d) tifel daħkan____.
(marka)

3. F'**Pitirross**, Victor Fenech biex jgħid li l-pitirross iġedded l-aħmar ta' sidru?

_______________________________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Fil-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borg, il-bejjiegħ fejn kien ibigħ il-gazze

(

5. Il-poeżija **Tifkiriet ta' Tfuliti** ta' Karmenu Vassallo hi poeżija:

(a) patrijottika _____; (b) awtobijografika _____; (ċ) dwar l-ambjent _____. (marka)

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi**

(4 marki)

F'madwar **20 kelma,** ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minn dawn il-poeżiji li nsibu f'**Aktar Nadriet**:

*Matul is-Snin tal-Ħajja; Jekk Baħar Int Għalija; Iż-Żgħożija; Ħabbata.*

**(iii) Stejjer taċ-Ċarrut -** *Sedqa* (9 marki)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

a. F'***Jitkellem James Grech*** x'iddeċieda li jagħmel James wara li telaq mid-dar t'ommu?

b. Fin-novella ***Willie,*** dan it-tfajjel kif irnexxielu jegħleb lil Oscar u sħabu?



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ċ. F'***Lil Sladjan,*** x'ġara minn dan it-tifel li wara ma baqax imur l-iskola?

**(iv) Stejjer għal Qabel Jidlam –** *O. Friggieri* (4 marki)

Wieġeb (**a**) jew (**b**) u ikteb madwar 20 kelma.

a) F'***It-Tifel tal-Baħar*** għid għaliex omm Bertu inkwetat ħafna meta binha dam ma mar lura d-dar.

**JEW**

b) F'***L-Ewwel Telefonata,*** għaliex iż-żewġt ixjuħ reġgħu neħħew is-servizz tat-telefown mid-dar tagħhom?

**(v) Jinqabad bid-Drogi -** *Sedqa* (8 marki)

Agħżel **waħda** minn dawn l-istejjer u fuq karta separata, ikteb madwar **40 kelma** dwarha:
(a) ***Ċinzja;*** (b) ***Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet;*** (ċ) ***Monologu – l-aħħar waqtiet ta' Simon ir-Reggae***.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Li kieku kelli nrabbi kelb
2. Aħjar nivvjaġġa bl-ajru milli bil-baħar! Int taqbel?
3. Taħdita bejn tfajla u ġuvni dwar id-divertiment tas-Sibt filgħaxija
4. Il-karozza fil-ħajja tal-bniedem
5. Malta, pajjiż tal-festi
6. "... għax wara d-daħk jiġi l-biki!" Ikteb storja li tispiċċa b'dawn il-kelmiet.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers